MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 385/2006

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati b' digriet tad-9 ta' Novembru 2006 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D D E El F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti f' din il-kawza kienu zzewgu f' Malta bir-rit Islamiku fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (22.11.1997);

2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom twieled J E fil-wiehed u tletin ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998);

3. Illi l-partijiet kienu iddivorzjaw permezz tal-procedura Islamika fit-tlieta ta’ Dicembru tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (30.03.1999);

4. Illi sussegwentement l-attrici zzewget lil G B fit-tletin ta’Marzu, tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (30.03.1999);

5. Illi dan G B miet fis-sebgha ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (07.06.1999);

6. Illi l-konvenut rarament jkun Malta u meta jigi mhux dejjem tkun taf l-attrici, ghalkemm xi minn daqqiet meta jigi hawn huwa jiltaqa mal-minuri ibnu;

7. Illi fis-17 ta’ Gunju, 2005 l-attrici kienet talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-awtoritajiet koncernati sabiex johorgu passaport lil minuri J E u dan sabiex huwa jista’ jmur maghha gewwa l-Italja halli tkun tista’ taghmel intervent mediku. Illi din it-talba effettivament intlaqghet.

8. Illi recentement il-konvenut gie Malta u fil-fatt giet redatta minuta li biha l-partijiet kienu ftehmu u qablu kif ser tigi regolata l-kura u l-kustodja tal-minuri J.

9. Illi fil-31 ta’ Mejju, 2006 kienet giet ipprezentata din il-minuta mill-partijiet tramite d-difensuri rispettivi taghhom izda gara li sakemm il-medjatur giet a konjizzjoni ta’ din il-minuta l-konvenut lahaq siefer;

10. Illi jehtieg li l-kwistjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri J E tigi deciza darba ghal dejjem halli l-attrici tkun effettivament awtorizzata tiehu dawk id-decizjonijiet li jkunu mehtiega ghat-trobbija ta’ l-istess minuri.

11. Illi ghal kull buon fini jinghad illi l-kura u l-kustodja ta’ J E ilha f’ idejn l-attrici, de facto, minn meta twieled.

12. Apparti dan kollu, l-konvenut qatt ma hallas sold ghal manteniment u ghat-trobbija ta’ l-istess minuri u dejjem hadet hsieb l-attrici.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:-

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri J E tghaddi interament f' idejn l-attrici;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jhallas retta alimentarja lill-minuri J E, liema retta alimentarja ghandha tithallas kull xahar bil-quddiem, u li ghandha tawmenta perjodikament skond l-gholi tal-hajja.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u kien biss issa li gew notifikati b' dawn il-proceduri u jirriservaw li jipprovdu r-risposta taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut C D E El F;

2. Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tal-attrici u lill-avukat li kien qed jippatroncinja lill-konvenut assenti sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tal-assenti u/jew tal-familjari tieghu sabiex jikkomunikaw mal-istess konvenut assenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li l-kura u kustodja tat-tifel minuri tal-partijiet, J E, tghaddi interament f' idejha, u ukoll sabiex il-konvenut jhallas retta alimentarja favur l-istess minuri.

Illi l-Qorti wara li ezaminat l-atti, u tenut kont tal-fatt li l-minuri ilu fil-kura u kustodja ta' ommu l-attrici minn mindu twieled, hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ahjar interess tal-minuri jiesigi li din ikollha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri J E. Inoltre, hija legalment valida l-

pretensjoni attrici li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghal-ghixien, sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] Illi tordna li l-kura u kustodja tal-minuri J E tigi fdata esklussivament f' idejn ommu l-attrici, bid-dritt ta' access liberu ghal missieru l-konvenut.

Il-missier jista' johrog lill-minuri mid-dar residenzjali ta' l-omm, b' dan illi huwa ghandu dejjem jirritorna lura lill-minuri fil-hinijiet li jkunu stipulati bejn il-partijiet u gewwa r-residenza ta' l-omm jew f' post iehor miftiehem bejniethom.

L-attrici ghandha l-awtorizzazzjoni li ssiefer bil-minuri u qed tinghata l-fakolta' li ggib u tottjeni passaport ghal minuri minghajr il-htiega ta' kunsens jew firma tal-missier.

[2] Illi l-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici retta alimentarja favur il-minuri J E is-somma ta' erbghin lira maltin [Lm40] fix-xahar bil-quddiem, u dan sakemm il-minuri jaghlaq it-tmintax il-sena;

Kwalsiasi allowances relattivi ghall-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom provvisorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------